MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-16 ta' Awwissu, 2010

Numru. 851/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Anne Marie Micallef]**

**vs**

**Mihova Gyurga Miteva**

**Illum, 16 ta’ Awissu 2010**

**Kumpilazzjoni Numru: 851/2010**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Mihova Gyurga Miteva, ta’ 51 sena, bint Mitio Pantaleev u Evda kunjoma xebba mhux maghruf, imwielda l-Bulgarija, nhar l-24 ta’

Novembru, 1959 u residenti temporanjament gewwa Qawra Inn, Hotel numur 319, Triq it-Tamar, Qawra u detentrici ta' passaport Bulgaru bin-numru 351999784.

Akkuzata talli b'diversi atti maghmula minnha, ukoll jekk fi zmienijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, talli;

1. Akkuzata talli nhar it-13 ta' Awissu, 2010, f'dawn il-Gzejjer, bejn il-hamsa u nofs ta' filghaxija u s-sitta u nofs ta' filghaxija, minn gewwa tas-Sliema, ikkommetiet serq ta' portmoni minn fuq il-persuna ta' Elizabeth Mcann ta' nazzjonalita Amerikana, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaccedi il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centemzu (€232. 94), izda inqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centemzu (€2,329. 37), li sehh ghad-detiment ta' l-istess Elizabeth Mcann;
2. Akkuzata aktar talli nhar it-13 ta' Awissu, 2010, f'dawn il-gzejjer, ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija, minn gewwa tas-Sliema, ikkometta serq semplici, ta' portmoni minn fuq il-persuna ta' Nadine Briffa ta' nazzjonalita Maltija, li sehh ghad-detriment ta' l-istess persuna;
3. Akkuzata aktar talli nhar it-12 ta' Awissu, 2010, f'dawn il-gzejjer ghall-habta tas-sitta ta' wara nofs inhar, minn gewwa tas-Sliema, ikkommettiet serq semplici ta' portmoni minn fuq il-persuna ta' Jean Mary East ta' nazzjonalita Brittanika ghad-detriment ta' l-istess persuna;

Rat l-artikoli 18, 261(c), 267 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura ta'l-imputazzjonijiet li taghhom l-imputata qed tinstab hatja, u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, kif ukoll il-fedina penali taghha li hija netta. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputata, seduta stante hallset lura l-ammont derubat.

Illi d-difieza ssottomettiet li la darba l-imputata ghandha fedina penali netta, ikkooperat mal-pulizija u anke irritornat l-ammont kollu derubat hija ghandha tibbenefika almenu minn sentenza sospieza.
Illi l-Qorti taqbel li dawn l-fatturi kollha jimmilitaw favur l-imputata ai fini tal-kalibrar tal-piena; il-Qorti pero hija tal-fehma li ghandha l-obbligu li tibghat messagg car dwar is-serjeta tar-reati in ezami anke tenut kont tal-mewga ta' kazijiet simili. Konsegwentement il-piena indikata ghal dan il-kaz hija wahda ta' piena karcerarja effettiva pero, fil-kaz in ezami, b'riduzzjoni tal-piena ai termini ta'l-artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan, tenut kont ta' dawk il-fatturi hawn fuq imsemmija.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 261(c), 267 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u b'applikazzjonji ta'l-artikolu 21 tal-Kapitolu 9 u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, tikkundannaha xahar (1) prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------